MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Numru. 385/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Carmela Caruana bint Francis u Kate nee' Tabone, imwielda fit-13 ta' Jannar, 1938 u residenti Caruana, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 12338(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Carmela Caruana li giet akkuzata talli bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja li tippermetti t-tqeghid ta' imwejjed u siggijiet skond l-artikolu 15(1) tal-Avviz Legali 128 tal-2002, nhar l-01.04.2007 ghal habta tas-2:30pm bhala detentur tal-

licenzja tal-istabbiliment “Il-Misrah Bar” jew kif inhu maghruf bhala “Aztec” Pjazza Vittorja, Xaghra, Ghawdex ippermettiet li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-ispazju permess mill-licenzja, u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzji tal-istabbiliment “Il-Misrah Bar” skond l-Artikolu 23 (1) tal-Avviz Legali 128 tal-2002 kif sussegwentament emendat u bi ksur tal-artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409.

Semghet il-provi.

Rat d-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat,

Illi l-licencee tibqa’ l-persuna responsabbli ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet kollha tal-licenzja li tinsab f’isimha u billi l-akkuza tirrizulta ippruvata, wara li rat l-artikolu 43(1) (b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja u tikkundannaha multa ta’ hamest mitt lira maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------